Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63

It- Tnejn, 13 ta' Novembru 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.12pm

**63.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

62.1.1 Is- SE infurma lil Kunsill li ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

63.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tnejn u Sittin Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

63.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**63.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

63.3.1 Is- Sindku huwa ta' l-opinjoni li d-*dustbins* li jinsabu ġewwa Howard Gardens għandhom jinbidlu għal fatt li l-ammont ta' nies u turisti li jzuru dan il-ġnien zdied sew u għaldaqstant l-ammont ta' zibel li qed jintefa, dawn id-*dustbins* mhux qed ilaħħqu mad- domanda bil-konsegewnzi kollha tiegħu.Il-Kunsill qabel li fil-bagit tas-sena d-dieħla dan ix-xiri jiddaħħal.

63.3.2 Is- Sindku tkellem fuq ix-xogħolijiet ta' pavimentar li kellu jinbeda' ġewwa l-Mdina minn Infrastructure Malta. Huwa ġie nfurmat mill- Perit David Vassallo li dan ix-xogħol ser jinbeda' wara li jgħaddu l-festi tal-Milied u l-bidu tas-sena d-dieħla.

63.3.3 Is- Sindku infurma lil Kunsill li l-applikazzjoni li ntefat mill-Kunsill ma' l-Awtorita' ta' L-Ippjanar hija għalissa mizmuma mis- Sovraintendenza tal-Wirt Storiku minħabba fatt l-għoli tal-fencing propost. Is- Sindku qal li l-għan ta' dan il-proġett huwa li nissalvagwardaw l-ambjent, saħħa u sigurta' tal-ġnien u għalhekk aħna ser inkomplu ninsistu kif ukoll naraw l-possibiltajiet kollha biex dan il-proġett isir mill-aktar fiss possibbli.

63.3.4 Is- Sindku talab lis- SE biex jagħmel follow up ma Transport Malta fuq il-parking spaces li kien beħsiebu jaddotta l-Kunsill ġewwa l-Mdina.

63.3.5 Is- Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li saret tal- Bord tal- Rejabilitazzjoni ta' l-Mdina.

63.3.6 Is- Sindku infurma lil Kunsill li n-niċċa tal- Madonna li tinsab Valletta Road ser tiġi restawrata mid- Direttorat tar- Restawr.

62.3.7 Is- Sindku mfurma lil- Kunsill li li t-tizjin tal-milied kwazi konkluz u t-toroq ser jiġu mixgħula fl-1 ta' Diċembru 2023.

63.3.8 Is- Sindku infurma lil- Kunsill li d- Direttorat tar- Restawr approva li l-lampi dekorattivi li jinsabu ġewwa l-Mdina ser isir manutenzjoni fuqhom bi spejjez mħallsa mill-istess Direttorat.

63.3.9 Is- Sindku nfurma lil -Kunsill li l-kuntratt għal servizzi ta' handyman ġie ffirmat.

**63.4 Permessi ta' Vetturi Kummerċjali li jidħlu wara l-ħin allokat**

63.4.1 Is- SE ġab għal attenzjoni tal-fatt li l-vetturi kummerċjali ħaduwa drawa, li jidħlu meta jkunu komdi u mhux jottemporaw mal-ħinijiet stabbiliti skond l-avviz lokali. Dawn jiġu l-uffiċċju, iġibu mit- elf skuza li ma jkunux jistgħu f'dawk il-ħinijiet u l-Kunsill jkollu joħroġ l-permess. Is- SE talab li jkollu direzzjoni mill-Kunsill biex jgħaraf jimxi.

63.4.2 Is- Sindku qal li jkun hemm kazijiet ġenwini kif ukoll min japprofitta ruħu pero's- sistema tad-dħul ġewwa l-Mdina fejn għandhom x'jaqsam ħruġ ta'permessi, jekk t-talba tagħna mal-Gvern Ċentrali li saret izjed minn sentejn ilu biex jizdied l-prezz ta' permessi mhux ser tiġi milqugħa, dawn l-abbuzi ser jibqgħu jsiru għax dak li jkun jiskapriċċa t- €2.33 li għadu jiġi mitlub sa' mill-1994.

**63.5 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

63.5.1 Mdina Biennale:- Talba biex tittella' attivita' fi Pjazza ta' L-Isqof nhar l-Ġimgħa 8 ta' Diċembru. Il-Kunsill ma approvax li din l-attivita' ssir f'post pubbliku u talab lil organizzaturi biex jgħamlu kuntatt mal- Kapitlu tal- Kattidral biex ituhom permess li din l-attivita' ssir fuq art li taqa'taħt il-Kapitlu.

63.5.2 Arkivji Mdina:- Talba biex tittella l-attivita' ta' *The Mdina Christmas Carol Trail* ' nhar is-Sibt 9 ta' Diċembru 2023. Filwaqt li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni, is- SE ġie mitlub biex jagħmel laqgħa ma l-organizzaturi biex jiġi evitat li jkun hemm xi konġestjoni fit-toroq ta' L-Mdina.

63.5.3 Universita' ta' Malta:- Talba biex ssir laqgħa mas- Sindku biex jiġu nstallati xi tabelli għar-roti u mixi. Is- Sindku qal li kellu laqgħa preliminari fuq dan is-suġġett u ser jissuktaw id-diskussjonijiet.

**63.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

63.6.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 13 ta' Novembru 2023 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 17,430.45

63.6.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta

**63.7 Tmiem tal- Laqgħa**

63.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 4.16pm u ġiet aġġornata għas-11 ta' Diċembru 2023 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:____11 ta'Diċembru 2023__